VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19, 116, 30 ta' Lulju, 2013
Taqsima B

A.L. 236 tal-2013

ATT DWAR IL-ĠUSTIZZJA AMMINISTRATTIVA (KAP. 490)

Regolamenti tal-2013 dwar l-Estensjoni ta' Ġurisdizzjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (Materji Fiskali) (Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 21 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, is-Segretarju Parlamentari għall-Ġustizzja, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2013 dwar l-Estensjoni ta' Ġurisdizzjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (Materji Fiskali) (Nru. 2).

Emenda tal-leġislazzjoni fl-Iskeda.

2. Il-leġislazzjoni msemmija fl-Ewwel Kolonna tal-Iskeda ta' dawn ir-regolamenti għandu jkollha effett skont l-emendi speċifikati fit-Tieni Kolonna tagħha:

SKEDA
Emenda tal-leġislazzjoni

Il-Ewwel Kolonna	**It-Tieni Kolonna**
Liġi	*Emenda*
Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Kap. 406	L-artikolu 48A tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala artikolu 47A.